MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 443/2013

**FGL Entertainment Limited**

**C 41655**

**Vs**

**Grillo Steven**

**ID 46775M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-23 ta' Lulju, 2013:

1. Illi l-intimat akkwista minghand is-socjeta' attrici merkanzija, liema merkanzija giet ikkonsenjata lilu;
2. Illi l-konvenut naqas milli jhallas il-bilanc ta' tmien mija, tmienja u erbghin ewro u disgha u tletin centezmu (€848.39) dovut minnu ghall-prezz tal-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata;

3. Illi nonostante l-fatt li l-konvenut kien interpellat diversi drabi sabiex ihallas huwa baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici qieghda titlob lil dana it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ tmien mija, tmienja u erbghin ewro u disgha u tletin centezmu (€848.39) oltre l-imghax dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tas-16 ta’ Mejju, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tas-16 ta’ Mejju, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ tmien mija, tmienja u erbghin ewro u disgha u tletin centezmu (€848.39) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal- konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------